2	Flus, cards, kartiera	Julia Lovisa Margareta	Malta	01/11/2025

Nru. tal-Pubblikazzjoni *Publication Number*	Oġġett/i *Object/s*	Isem ta' min sab l-oġġetti *Name of finder*	Reġjun *Region*	Data *Date*
2	Kartiera, cards, flus	Asude Cetinbag	Malta	02/11/2025
2	Mobile	Christopher Vassallo	Malta	02/11/2025
2	Backpack, ħwejjeġ, għodda tal-idejn, oħrajn	Kirsten Borg	Malta	02/11/2025
2	Flus, oħrajn, kartiera, cards	Philisiwe Bhengu	Malta	02/11/2025
2	Flus	John Micallef	Malta	02/11/2025
2	Mobile	William Bertani	Malta	02/11/2025
2	Mobile	Javier Ricardo Franco Florez	Malta	04/11/2025
2	Flus	Emma Louise Jones Trippier	Malta	04/11/2025
2	Kartiera, ċwievet, flus, muniti	Martina Conti	Malta	04/11/2025
2	Kartiera, flus, muniti, cards	Lorraine Bellizzi	Malta	31/10/2025
2	Mobile	Jennifer Scicluna	Malta	05/11/2025
2	Kartiera, flus, cards	Soumia Mansouri	Malta	05/11/2025
2	Mobile	Anthony Borg	Malta	05/11/2025
2	Oħrajn	John Mary Spiteri	Malta	06/11/2025
2	Mobile	Shahabaz Asariparambil Abdul	Malta	06/11/2025
2	Backpack	Julian Anthony Bennet	Malta	06/11/2025
2	Oħrajn	Clive Rota	Malta	08/11/2025
2	Mobile	Diana Juodkaite	Malta	08/11/2025
2	Ċurkett	Annabelle (Anne Isabelle) Cuff	Malta	09/11/2025
2	Mobile, flus		Malta	09/11/2025
2	Nuċċali tal-vista	Alfredo Mariano Scalpello	Malta	09/11/2025
2	Mobile	Marisianne Gatt	Malta	09/11/2025
2	Kartiera, cards	Mahesh Chaudhary	Malta	05/11/2025
2	Mobile	Michelle Madraga Bċurkettas	Malta	10/11/2025
2	Mobile	Doreen (Maria Dolores) Portelli	Malta	28/10/2025
2	Mobile	Daniel Camillieri	Malta	27/10/2025
2	Brazzuletta	Kristina Borisovna	Malta	19/10/2025
2	Mobile	Kafil Uddin	Malta	20/10/2025
2	Mobile	John Attard	Malta	20/10/2025
2	Mobile	Hamdache Yacine	Malta	21/10/2025
2	Ċurkett	Federica Pitzalis	Malta	22/10/2025
2	Smartwatch	Karen Julieth Castro Cifuentes	Malta	22/10/2025
2	Mobile	Somin Bikram Swhah	Malta	22/10/2025
2	Mobile	John Scicluna	Malta	23/10/2025
2	Flus	Carlo Azzopardi	Malta	23/10/2025
2	Oħrajn	Antoaneta Krasenova Draganova	Malta	23/10/2025

Nru. tal-Pubblikazzjoni *Publication Number*	Oġġett/i *Object/s*	Isem ta' min sab l-oġġetti *Name of finder*	Reġjun *Region*	Data *Date*
2	Mobile, flus, oħrajn	Paul Buhagiar	Malta	23/10/2025
2	Portmoni, flus	Simona Marina Hristova Boshnakova	Malta	28/10/2025
2	Cards, oħrajn, kartiera	Rodney Zammit	Malta	24/10/2025
2	Nuċċali tax-xemx	Sohaib Ashfaq	Malta	24/10/2025
2	Mobile	Arthur Dutton	Malta	26/10/2025
2	Dokumenti	Carmel Costa	Malta	25/10/2025
2	Mobile	Alan Joseph Abela	Malta	26/10/2025
2	Side Bag, kartiera, camera, fwieħa, power bank	Paul Buhagiar	Malta	26/10/2025
2	Portmoni, muniti	Michael Farrugia	Malta	26/10/2025
2	Portmoni, cards	Krunalkumar Patel	Malta	26/10/2025
2	Flus, portmoni	Mahmoud Elfazani	Malta	27/10/2025
2	Oħrajn, bagalja	Marvic Veljovic	Malta	27/10/2025
2	Cards	Raul Mackay	Malta	27/10/2025
2	Kartiera, oħrajn, Headphones	Charlo Caruana	Malta	27/10/2025
2	Oħrajn	Simon Peter Bezzina	Malta	24/10/2025
2	Nuċċali tax-xemx, mobile	Joseph Vella	Malta	31/12/2025
1	Ġiżirana, pendent	Biki Tamang	Gozo	02/01/2026
1	Kartiera	Domenic Cilia	Gozo	16/03/2026
1	Mobile	Maria Theresa Vassallo	Gozo	03/03/2026
1	Mobile	Nadienne Portelli	Gozo	26/02/2026
1	Mobile	Maksymilian Stefan Pilarski	Gozo	25/02/2026
1	Mobile	Maria Theresa Vassallo	Gozo	03/03/2026
1	Kartiera, flus	Joseph Magro	Gozo	18/02/2026
1	Oħrajn	John Paul Buttigieg	Gozo	12/02/2026
1	Oħrajn	Amy Christina Long	Gozo	05/02/2026
1	Ġiżirana	Duncan Grixti	Gozo	18/02/2026
2	Mobile	Jeewan Bisto	Gozo	13/10/2025
2	Mobile	Dianne Grace Formosa	Gozo	19/11/2025
2	Ċurkett	Patricia Elizabeth Wetton	Gozo	30/10/2025
2	Mobile	Amanda Muscat	Gozo	22/10/2025
2	Mobile	Dayme Jimenez Diaz	Gozo	21/10/2025
2	Mobile	Claude Calleja	Gozo	17/10/2025
2	Mobile	Roderick Refalo	Gozo	13/10/2025
2	Mobile	Chrismar Xuereb	Gozo	03/10/2025

Nru. tal-Pubblikazzjoni *Publication Number*	Oġġett/i *Object/s*	Isem ta' min sab l-oġġetti *Name of finder*	Reġjun *Region*	Data *Date*
2	Tablet	George Caruana	Gozo	13/10/2025
2	Mobile	Aziz Bugdayci	Gozo	03/10/2025
2	Mobile	Maria Teresa Cremona	Gozo	03/10/2025
2	Flus	Elena Tabone	Gozo	11/12/2025
2	Mobile	Marianu Mifsud	Gozo	03/10/2025
2	Flus	Antonia Xiberras	Gozo	03/10/2025
2	Kartiera, flus	Euginio Said	Gozo	03/10/2025
2	Flus	George Aquilina	Gozo	13/10/2025
2	Smartwatch	Marco Bonnici	Gozo	29/12/2025

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 42 tal-2026

Mogħdija Stabbilita fil-Port ta' Marsamxett –
Tas-Sliema Ferries (ħruġ mill-ġdid)

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-proprjetarji tal-bastimenti li ġiet stabbilita mogħdija ġdida fil-Port ta' Marsamxett (żona ta' Sliema Ferries) kif indikat fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-mogħdija hija delinjata mill-punti, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Punti	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35°54'.290	14°30'.732 Fairway
B	35°54'.421	14°30'.359
C	35°54'.476	14°30'.350
D	35°54'.490	14°30'.367 Coast
E	35°54'.524	14°30'.298 Coast
F	35°54'.424	14°30'.233
G	35°54'.403	14°30'.305
H	35°54'.262	14°30'.716 Fairway

L-ebda vapur mhuwa permess li jankra jew jirmiġġa ġewwa l-mogħdija stabbilita.

Detenturi ta' rmiġġi rreġistrati affettwati minn din il-mogħdija ġdida se jiġu kkuntattjati mid-Dipartiment tal-Yachting u l-Irmiġġi fil-jiem li ġejjin.

Fl-interess tas-sigurtà tan-navigazzjoni, l-irmiġġi (u l-ground tackle) fil-fairway għandhom jitneħħew mill-proprjetarji tagħhom mingħajr dewmien. Kull irmiġġ u ground tackle li jibqa' fil-mogħdija, se jitneħħa għad-detriment

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 42 of 2026

Fairway Established at Marsamxett Harbour –
Tas-Sliema Ferries (re-issued)

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a fairway within Marsamxett Harbour (Sliema Ferries area) has been established as indicated on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The fairway is delineated by the points, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Points	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35°54'.290	14°30'.732 Fairway
B	35°54'.421	14°30'.359
C	35°54'.476	14°30'.350
D	35°54'.490	14°30'.367 Coast
E	35°54'.524	14°30'.298 Coast
F	35°54'.424	14°30'.233
G	35°54'.403	14°30'.305
H	35°54'.262	14°30'.716 Fairway

No vessels are permitted to anchor or moor within the newly established fairway.

Registered mooring holders affected by this new fairway are to be contacted by the Yachting and Mooring Department in the coming days.

The moorings (and their ground tackle) within the fairway are to be removed by their owner without delay in the interest of safety of navigation. Any moorings and ground tackle that are left in the fairway, will be removed

tas-sid. L-Awtorità ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt it-tneħħija tal-bastimenti u l-rmiġġi msemmija.

Barra minn hekk, il-baħħara jiġu mfakkra li huwa pprojbit li jitpoġġew irmiġġi u ground tackle mingħajr il-permess tal-Awtorità.

Il-pożizzjonijiet kollha huma b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Avviz Lokali lil Bahhara Nru 39 tal-2026 huwa kkanċellat.

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 43 tal-2026

B'Żieda ma' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 34 tal-2026 rigward l-istħarriġ ta' taħt il-baħar fil-Ponta tal-Imgerbeb – Il-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u lill-pubbliku ġenerali li, b'żieda ma' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 34 tal-2026 dwar l-istħarriġ ta' taħt il-baħar fil-Ponta tal-Imgerbeb – il-Port il-Kbir, id-data tat-tlestija tal-istħarriġ qed tiġi estiża sa nhar il-Ħadd, 12 ta' April, 2026.

L-informazzjoni u r-restrizzjonijiet kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 34 tal-2026 se japplikaw ukoll sa dan id-data.

Pożizzjoni b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 36

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 44 tal-2026

Stħarriġ b'ROV f'Ras il-Ħobż – Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li se jsir stħarriġ bl-użu ta' Remote Operated Vehicle (ROV). Dan l-istħarriġ se jsir fuq il-pipeline li jinsab ħdejn Ras il-Ħobż, Għawdex, fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	36° 00'.990	14° 16'.595

at the expense of their owner. The Authority will accept no liability whatsoever for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

Furthermore, mariners are reminded that it is prohibited to lay any moorings and ground tackle without the prior permission of the Authority.

All positions are referred to WGS 84 DATUM.

Local Notice to Mariners No. 39 of 2026 is hereby cancelled.

Chart affected: BA 177

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 43 of 2026

Further to Local Notice to Mariners No. 34 of 2026 regarding the underwater survey at Il-Ponta tal-Imgerbeb – Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners, owners of vessels and the general public that further to Local Notice to Mariners No. 34 of 2026 regarding the underwater survey at il-Ponta tal-Imgerbeb – Grand Harbour, the survey completion date is being extended up to Sunday, 12th April, 2026.

All the information and restrictions mentioned in Local Notice to Mariners No. 34 of 2026 will also apply up to this date.

Position is referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA 36

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 44 of 2026

ROV survey at Ras il-Ħobż – Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a survey will be carried out with the use of a Remotely Operated Vehicle (ROV). This survey will be carried out on the pipeline located off Ras il-Ħobż, Gozo, in the following positions:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	36° 00'.990	14° 16'.595

B	36° 00'.800	14° 16'.718
C	36° 00'.907	14° 16'.960
D	36° 01'.072	14° 16'.855

L-istħarriġ huwa ppjanat li jsir nhar it-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2026.

l-ROV se jkun operat minn bastiment żgħir (RIB).

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela meta jkunu fil-viċinanza taż-żona msemmija hawn fuq, u għandhom iżommu distanza sigura ta' 200m mill-ROV u l-bastiment ta' appoġġ.

Il-baħħara kollha għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur u josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 2537

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 45 tal-2026

Stabbiliment ta' żona ta' rmiġġi organizzati f'Buġibba – Il-Bajja ta' San Pawl

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta jinforma lill-baħħara kollha li se jsiru xogħlijiet f'Buġibba – Il-Bajja ta' San Pawl, biex tinħoloq żona ta' rmiġġi organizzati u mogħdija assoċjata għall-irmiġġ ta' dgħajjes żgħar.

Is-sidien tal-bastimenti li huma rmiġġati jew għandhom irmiġġ fiż-żona mdawra mil-linja immaginarja A, B, C u l-kosta kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), għandhom ineħħu dawn il-bastimenti, l-irmiġġi u l-apparat assoċjat sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 6 ta' April, 2026.

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35º 57'.112	14º 24'.497
B	35º 57'.088	14º 24'.463
C	35º 57'.064	14º 24'.457
D	35º 57'.052	14º 24'.449
E	35º 57'.035	14º 24'.422
F	35º 57'.031	14º 24'.386
G	35º 57'.041	14º 24'.351
H	35º 57'.005	14º 24'.386

Kull bastiment u rmiġġ li jibqa' f'din iż-żona wara d-data stipulata jitneħħa bl-ispejjeż tal-proprjetarju tagħhom. L-Awtorità ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal

B	36° 00'.800	14° 16'.718
C	36° 00'.907	14° 16'.960
D	36° 01'.072	14° 16'.855

The survey is planned to be carried out on Monday, 30th March, 2026.

The ROV will be operated from a small vessel (RIB).

Mariners are instructed to navigate with caution when in the vicinity of the above-mentioned area, they are to maintain a safe distance of 200m from the ROV and support vessel.

All mariners are to cooperate with the contractor and to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS.

Chart affected: BA 2537

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 45 of 2026

Establishment of an organised mooring area in Buġibba – Il-Bajja ta' San Pawl

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners that works will be carried out in Buġibba – Il- Bajja ta' San Pawl, to establish an organised mooring area and associated fairway for the mooring of small craft.

Owners of vessels that are moored or have a mooring within the area bounded by the imaginary line A, B, C and the coastline as shown hatched on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to remove such vessels, moorings and associated tackle by not later than Monday, 6th April, 2026.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35º 57'.112	14º 24'.497
B	35º 57'.088	14º 24'.463
C	35º 57'.064	14º 24'.457
D	35º 57'.052	14º 24'.449
E	35º 57'.035	14º 24'.422
F	35º 57'.031	14º 24'.386
G	35º 57'.041	14º 24'.351
H	35º 57'.005	14º 24'.386

Any vessels and moorings that are left in this area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner. No liability whatsoever will be accepted by

kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt it-tneħħija tal-bastimenti u l-irmiġġi.

Id-dentaturi rreġistrati tal-irmiġġi affettwati minn din il-mogħdija ġdida se jiġu kkuntattjati mid-Dipartiment tal-Yachting u l-Irmiġġi fil-jiem li ġejjin.

Barra minn hekk, il-baħħara huma mfakkra li huwa pprojbit li jitpoġġew irmiġġi u tagħmir tal-art mingħajr il-permess preċedenti tal-Awtorità. Is-sidien tal-irmiġġi rreġistrati se jżommu d-drittijiet tagħhom u jingħataw post alternattiv.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jgħaddu fl-inħawi għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa ħafna (mingħajr rima). Huma għandhom jagħtu iżommu 'l bogħod miż-żoni msemmija hawn fuq u josservaw l-istruzzjonijiet kif ikkomunikati mill-Valletta VTS fuq VHF Channel 12 u/jew 16 u mill-uffiċjali tal-Awtorità jew aġenziji oħra ta' infurzar.

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 211

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 46 tal-2026

Stabbiliment ta' żona ta' rmiġġi organizzati fil-Bajja ta' Marsaskala

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara kollha li se jsir xogħol fl-inħawi interni tal-Bajja ta' Marsaskala biex tinħoloq żona ta' rmiġġi organizzati u mogħdija assoċjata għall-irmiġġ ta' dgħajjes żgħar.

Is-sidien tal-bastimenti li huma rmiġġati jew għandhom irmiġġ fiż-żona magħquda mil-linja immaginarja A, B, C, D, E, F, G u x-xatt kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom ineħħu dawn il-bastimenti, irmiġġi u l-apparat assoċjat sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 6 ta' April, 2026.

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35º 51'.871	14º 34'.058
B	35º 51'.904	14º 34'.019
C	35º 51'.889	14º 34'.000
D	35º 51'.869	14º 33'.917
E	35º 51'.878	14º 33'.809
F	35º 51'.863	14º 33'.789
G	35º 51'.829	14º 33'.814

the Authority for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

Registered mooring holders affected by this new fairway are to be contacted by the Yachting and Mooring Department in the coming days.

Furthermore, mariners are reminded that it is prohibited to lay any moorings and ground tackle without the prior permission of the Authority. In addition, registered mooring holders will retain their mooring rights and shall be provided with an alternative location.

In view of the above, mariners navigating in the area are to navigate with caution and at a very slow 'no wake' speed. They are to give the above area a wide berth and comply with the instructions as communicated by the Valletta VTS on VHF Channel 12 and/or 16 and by the authority's officials or other enforcement agencies.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA 211

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 46 of 2026

Establishment of an organised mooring area in Il-Bajja ta' Marsaskala

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners that works will be carried out in the inner area of Il-Bajja ta' Marsaskala to establish an organised mooring area and associated fairway for the mooring of small craft.

Owners of vessels that are moored or have a mooring within the area bounded by the imaginary line A, B, C, D, E, F, G and the coastline as shown hatched on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to remove such vessels, moorings and associated tackle by not later than Monday, 6th April, 2026.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35º 51'.871	14º 34'.058
B	35º 51'.904	14º 34'.019
C	35º 51'.889	14º 34'.000
D	35º 51'.869	14º 33'.917
E	35º 51'.878	14º 33'.809
F	35º 51'.863	14º 33'.789
G	35º 51'.829	14º 33'.814

Kull bastiment u rmiġġ li jibqa' f'din iż-żona wara d-data stipulata jitneħħa bl-ispejjeż tal-proprjetarju tagħhom. L-Awtorità ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt it-tneħħija tal-bastimenti u l-rmiġġi.

Dentenuri ta' rmiġġi rreġistrati affettwati minn din il-mogħdija ġdida se jiġu kkuntattjati mid-Dipartiment tal-Yachting u l-Irmiġġi fil-jiem li ġejjin.

Barra minn hekk, il-baħħara huma mfakkra li huwa pprojbit li jitpoġġew irmiġġi u tagħmir tal-art mingħajr il-permess preċedenti tal-Awtorità. Is-sidien tal-irmiġġi rreġistrati se jżommu d-drittijiet tagħhom u jingħataw post alternattiv.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jgħaddu fl-inħawi għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa ħafna (no wake). Għandhom jagħtu distanza wiesgħa lill-oqsma msemmija hawn fuq u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet kif ikkomunikat mill-Valletta VTS fuq VHF Channel 12 u/jew 16 u mill-uffiċjali tal-Awtorità jew aġenziji oħra tal-infurzar.

Il-pożizzjonijiet kienu jirreferu għal WGS 84 DATUM

Chart affettwata: BA 36

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 47 tal-2026

Wirja tan-Nar (Chinese cakes) mix-xatt f'Manoel Island – 8 ta' April, 2026

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir wirja tan-nar (Chinese cakes) mix-xatt f'Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema nhar l-Erbgħa, 8 ta' April, 2026, li tibda fl-10.30 p.m. għal mhux aktar minn 10 minuti. Il-wirja se jkun iċċentrata fil-Punt A kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.316	014° 30'.266

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60m bogħod mill-punt A, fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajsa rmiġġata fiż-żona murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandha titneħħa matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Any vessels and moorings that are left in this area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner. No liability whatsoever will be accepted by the Authority for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

Registered mooring holders affected by this new fairway are to be contacted by the Yachting and Mooring Department in the coming days.

Furthermore, mariners are reminded that it is prohibited to lay any moorings and ground tackle without the prior permission of the Authority. In addition, registered mooring holders will retain their mooring rights and shall be provided with an alternative location.

In view of the above, mariners navigating in the area are to navigate with caution and at a very slow 'no wake' speed. They are to give the above area a wide berth and comply with the instructions as communicated by the Valletta VTS on VHF Channel 12 and/or 16 and by the Authority's officials or other enforcement agencies.

Positions referred to WGS 84 DATUM

Chart affected: BA 36

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 47 of 2026

Fireworks Display (Chinese Cakes) from the foreshore at Manoel Island – 8th April, 2026

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Chinese cakes fireworks display will be held from the foreshore at Manoel Island in Id-Daħla ta' Tas-Sliema on Wednesday, 8th April, 2026, starting at 10.30 p.m. for not more than 10 minutes. The display will be centred at Point A as shown in red on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) in the approximate following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.316	014° 30'.266

In view of the above, mariners are advised to keep 60m away from point A, on the abovementioned date and time.

Any boats berthed within the area shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the abovementioned date and time.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mil-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 60m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 25 tal-2026

Taħriġ ta' sparar attiv fir-Ranges ta' Pembroke – 6 ta' April, 2026 – Sigħat estiżi

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf illi b'żieda ma' Avviż lill-Baħħara Nru 24 tal-2021, il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu taħriġ ta' sparar attiv nhar it-Tnejn, 6 ta' April, 2026, b'ħinijiet estiżi bejn l-4.30 p.m. u s-6.00 p.m. (ħin lokali).

Messaġġ ta' Sécurité se jinħareġ fuq VHF Channels 12, u / jew 16 minn Valletta VTS, kif meħtieġ.

Iż-żona ta' eżerċizzju (LM-D6) hija delinjata b'settur ABC.

Minn Pożizzjoni A

	Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
A	35° 55'.540	014° 28'.320 (punt ċentrali fuq l-art), raġġ ta' 4 mili nawtiċi sal-punti
B	35° 59'.460	014° 27'.150 u
C	35° 58'.290	014° 32'.190

Limiti indikati fuq BA charts 194, 2537 u 2538

Matul it-taħriġ ta' sparar attiv, bnadar ħomor (qies ta' madwar 2.5m x 2m) se jittajru mil-limiti tax-xatt. Wara nżul ix-xemx, minflok il-bnadar ħomor, se jkun hemm dwal ħomor u se jkun hemm żewġ bastimenti ta' sigurtà bi dwal blu fuq kull naħa, biex jindikaw il-limitu taż-żona. Il-baħħara huma avżati biex iżommu, bħala minimu, 4 mili nawtiċi 'l barra mix-xatt meta jintlemħu l-bnadar jew il-bastimenti tas-sigurtà.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 60m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

2nd April, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 25 of 2026

Live firing practice at Pembroke Ranges – 6th April, 2026 – Extended hours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that further to Notice to Mariners No. 24 of 2021, the Armed Forces of Malta will carry out live firing practice on Monday, 6th April, 2026, with extended hours between 4.30 p.m. and 6.00 p.m. (local time).

A Sécurité message will be issued on VHF Channels 12, and/or 16 by Valletta VTS, accordingly.

The exercise area (LM-D6) is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 55'.540	014° 28'.320 (centre point on land), a radius of 4 Nautical miles to points
B	35° 59'.460	014° 27'.150 and
C	35° 58'.290	014° 32'.190

Limits are indicated on BA charts 194, 2537 and 2538

During the live firing practice, red flags (approximate size 2.5m x 2m), will be flown from the shore limits. After sunset, instead of the red flags, there will be red lights and there will be two safety vessels with blue lights on each side, to indicate the limits of the area. Mariners are warned to keep, as a minimum, 4 nautical miles off the coast when the flags or safety vessels are sighted.

Barra minn hekk, kull struzzjoni maħruġa fuq VHF Channels 12 u/jew 16 mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) u l-Forzi Armati ta' Malta, għandha tiġi osservata b'mod strett.

Charts affettwati: BA 2538, 2537, 194

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

It-2 ta' April, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Senior Resource Leader, Programmi tal-Litteriżmu wara l-Ħin tal-Iskola (Part-time)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus – 343/2025
(ir-raba' sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Resource Leader tal-Programmi tal-Litteriżmu Wara l-Ħin tal-Iskola (part-time)

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

Temmew b'suċċess kwalunkwe kors fi prattiki effettivi tal-litteriżmu, bħal qari flimkien u/jew qari gwidat, rakkontar tal-istejjer, litteriżmu bilanċjat; U

Ċertifikati fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż ta' Grad 1-5/A-C, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

Minimu ta' ħames snin esperjenza bħala għalliem/a fis-settur primarju.

Esperjenza fil-maniġment u l-kordinazzjoni jiġu kkunsidrati kif inhu xieraq meta ssir l-għażla.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 14 ta' April, 2026, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-2 ta' April, 2026

Moreover, any instructions given on VHF Channels 12 and/or 16 by Valletta Port Control (Valletta VTS) and by the Armed Forces of Malta, are to be strictly observed.

Charts affected: BA 2538, 2537, 194

Positions referred to WGS 84 DATUM

2nd April, 2026

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Part-time Senior Resource Leader, After School Literacy Programmes

Jobsplus Permit Number – 343/2025
(fourth call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a part-time Senior Resource Leader for its After School Literacy Programmes.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

A recognised teaching degree at MQF Level 6 or equivalent or higher; AND

Successful completion of any course in effective literacy practices, such as shared and/or guided reading, storytelling, balanced literacy, etc.; AND

Minimum of MQF Level 3 in Maltese and English [SEC (Grade 1 to 5) or GCE Ordinary Level (Grade A to C)], or equivalent; AND

A minimum of 5 years teaching experience in the primary sector.

Due consideration will be given to applicants who have experience in management and coordination.

For a detailed job description, including conditions of employment, please refer to (https://nla.gov.mt/vacancies), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) by not later than Tuesday, 14th April, 2026, at noon.

Late applications will not be considered.

2nd April, 2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjostika u Interventiva, fl-Isptar Mater Dei fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjostika u Interventiva, fl-Isptar Mater Dei fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' ħames (5) snin bħala Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjostika u Interventiva, fl-Isptar Mater Dei fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjostika u Interventiva hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjostika u Interventiva tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Kemm Konsulent fuq kuntratt A jew kuntratt B huma eliġibbli li japplikaw u huwa d-dmir tal-bord tal-għażla li jagħżel lill-kandidat l-aktar adatt biex jimla l-pożizzjoni. Madankollu, mal-ħatra, il-persuna maħtura tkun mitluba li preferibbilment taqleb għall-kuntratt A jekk tkun qed taħdem fuq kuntratt B.

2.5 Kwalunkwe persuna maħtura Chairperson Kliniku u li ma jkollhiex pożizzjoni permanenti ta' Konsulent tiġi maħtura Konsulent ipso facto.

2.6 Persuna li tkun uffiċjal pubbliku li jkollha pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fuq bażi kuntrattwali għal żmien definit, terġa' lura għall-grad ta' Konsulent mat-tkomplija jew tmiem tal-kuntratt tagħha, dment li uffiċjal li jaqdi dmirijiet bi kredibbiltà bħala Chairperson għal żewġ (2) termini sħaħ jitpoġġa fuq bażi personali fuq skala ta' salarju li hi immedjatament ogħla mill-iskala tas-salarju sustantiv tiegħu.

2.7 Kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk

MINISTRY FOR HEALTH AND
ACTIVE AGEING

Position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology in the Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a five (5) year assignment as a Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health and Active Ageing.

2.2 The position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position on a fixed term, the position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology, constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Both Consultants on Contract A or Contract B are eligible to apply, and it is the duty of the selection board to choose the most appropriate candidate to fill the position. However, upon appointment, the selected person shall be requested to preferably revert to Contract A if he/she is a Contract B holder.

2.5 Any person appointed Clinical Chairperson who does not hold a permanent Consultant post shall ipso facto be appointed Consultant.

2.6 A public officer holding the position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostical and Interventional Radiology on a contractual basis for a definite period shall revert to the Consultant grade upon completion or termination of his/her term of the contract, provided that an officer who performs creditably as a Chairperson for two (2) full terms shall be placed, on a personal basis, on the salary scale which is immediately higher than the scale of his/her substantive grade.

2.7 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment,

li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Il-kandidat/i magħżul/a jkun/u meħtieġ/a jimla/jimlew id-Dikjarazzjoni disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)), peress li din il-pożizzjoni (i) hija fi skala ta' salarju 5 jew ogħla.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjontiska u Interventiva huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 3 li fis-sena 2026 huwa ta' €45,904.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fid-Dipartiment tar-Radjoloġija Dijanjostika u Interventiva huma:

i. Jiżviluppa pjan ta' servizz strateġiku minn ħames sa għaxar snin inkluż proposti ta' servizzi ġodda u r-riżultat ta' nefqa kapitali, iż-żieda kapitali tan-nefqa rikorrenti, kif ukoll il-bżonn tar-riżorsi umani u r-rekwiżiti tat-teknoloġija;

ii. Jipproduċi rapport annwali tad-dipartiment b'emfasi tal-kisbiet u tal-isfidi li qed tiffaċċja l-professjoni billi jirrevedi l-prestazzjoni tas-sena preċedenti;

iii. Iżomm rekord tal-għarfien, kompetenzi u esperjenzi tal-ħaddiema fil-livelli kollha;

selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.8 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

The selected candidate/s will be required to fill in the Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)), since this position (i) is in salary scales 5 or higher.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology is equivalent to Salary Scale 3 which in the year 2026 is €45,904.

Duties

4. The job duties for the position of Clinical Chairperson in the Department of Diagnostic and Interventional Radiology include:

i. Develops a five-to-ten-year strategic development plan of service including proposed new services and resulting capital expenditure, increase in recurrent expenditure as well as necessary human resources and technology requirements;

ii. Produces a yearly departmental report highlighting achievements and weaknesses by reviewing the performance of the previous year;

iii. Keeps record of staff knowledge, competences and experience at all levels;

iv. Jassigura li jkun hemm qbil fuq l-applikar tal-ftehim kollettiv kurrenti maqbul bejn l-Gvern u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta, fil-forma ta' 'job planning policy' għad dipartiment;

v. Ifassal pjan tax-xogħol għall-konsulenti u speċjalisti tad-Dipartiment b'konformità mal-imsemmija policy, u jibgħat id-dokumenti mfassla għand id-direttur mediku għall-approvazzjoni u diskussjoni aħħarija, b'reviżjoni annwali jew biannwali tal-imsemmija pjanijiet tax-xogħol;

vi. Jistabbilixxi servizz on-call immexxi mill-ispeċjalisti fil-ħdan tad-Dipartiment tar-Radjoloġija bl-għan li titjieb l-livell ta' kura għal kundizzjonijiet akuti relatati mar-radjoloġija;

vii. Jippromovi u jissapportja taħriġ biex iżomm il-kompetenzi u t-titjib tal-ħiliet billi jippromovi l-edukazzjoni medika kontinwa;

viii. Jagħti sostenn lill-programm ta' speċjalizzazjoni tar-Radjoloġija, flimkien ma' kumitat immexxi mill-post-graduate training coordinator tar-Radjoloġija;

ix. Jikkummissjona awditjar kontinwu mill-membri tad-Dipartiment fi prattiki tax-xogħol biex itejjeb il-kwalità tal-kura u l-governanza, u jissorvelja l-iżvilupp ta' linji gwida u proċeduri;

x. Jippromovi riċerka, innovazzjoni u l-aħjar prattika u jassigura l-aqwa użu ta' riżorsi disponibbli;

xi. Iwassal lit-tim biex jipparteċipa b'mod attiv fl-akkwist u l-evalwazzjoni ta' prodotti ta' kwalità tajba li jintużaw fid-Dipartiment u jkun kapaċi jipprovdi valutazzjoni ta' riskju fuq rapporti ta' inċidenti ta' apparat mediku;

xii. Ikun mistenni li minn żmien għal żmien iwettaq taħriġ maniġerjali obbligatorju hekk kif iggwidat mill-isptar;

xiii. Jipparteċipa f'attivitajiet Ewropej kif ukoll attivitajiet li jagħtu viżibbiltà lil Malta f'networks internazzjonali. Dan jinkludi European Reference Networks relatati mar-Radjoloġija;

xiv. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur immedjat tiegħu/tagħha jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ, kif ukoll kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

iv. Ensures that an updated job plan policy for the department is in place in line with the current Medical Association of Malta sectorial agreement;

v. Finalises job plans in liaison with newly appointed resident specialists and consultants in line with the departmental job plan policy, following which such job plans are forwarded to the Medical Director for final vetting and approval; with annual or bi-annual reviews of the mentioned job plans;

vi. Establishes a specialist-led out-of-hours on-call service targeted at improving the level of care of radiological emergencies;

vii. Promotes and supports in-service training to maintain competences and enhancement of skills by supporting continuous medical education related activities;

viii. Supports the post graduate training programme in radiology, together with a committee led by the post-graduate training coordinator in Radiology;

ix. Commissions audits by members of the Department into working practices to assess quality of care and governance and supervises the development of guidelines and procedures;

x. Promotes research, innovation and best practice and ensures the best uses of resources available;

xi. Leads the team to actively participate in the procurement and evaluation of good quality products used in the Department and be able to provide risk assessment and feedback on medical device incident reports;

xii. Be expected to undergo mandatory managerial training from time to time as guided by the hospital;

xiii. Accepts responsibility and participates in activities arising from the membership or affiliation with EU and international networks of the Ministry for Health and Active Ageing and Mater Dei Hospital such as the European Reference Networks for Radiology;

xiv. Undertakes any other tasks, as delegated by management and any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a

jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti aktar minn hekk għandu:

i. ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tar-Radjoloġija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tar-Radjoloġija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. (a) ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija ta' Speċjalist (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Addreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-ispeċjalità rilevanti li turi li l-applikant temm tali taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għar-Radjoloġija; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST għar-Radjoloġija li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif imniżżel f'parti 1 (b) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li din tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala speċjalist fir-Radjoloġija.

5.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom aktar minn hekk ikollhom ħames (5) snin esperjenza full-time bħala Speċjalist fir-Radjoloġija. Qed jiġi hawnhekk iċċarat li l-esperjenza ta' speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew reġistrazzjoni ekwivalenti li tkun maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed jiġi ċċarat ukoll li meta l-esperjenza tkun miksuba fuq bażi part-time jew fuq inqas minn 40 siegħa fil-ġimgħa, din tkun rikonoxxuta fuq bażi prorata.

5.4 L-applikanti magħżula eliġibbli taħt paragrafu 5.2 (iii) (b) u paragrafu 5.2 (iii)(c) hawn fuq iridu jkunu mniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u għandhom ukoll ikunu rreġistrati bi sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

5.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2 (iii)(b) u paragrafu 5.2(iii)(c) hawn fuq iridu jiksbu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma

definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. listed in the Specialist Register of Radiology kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni; U Kategorija A

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for; AND Category A

(iii) fil-pussess ta' Teacher's Warrant (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema (CTP) taħt l-Artikolu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni; U wieħed minn dawn li ġejjin:

(iii) in possession of a Teacher's Warrant (Permanent) issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under Article 24 (2) of the Education Act; AND one of the following:

(a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta ta' tagħlim fil-Livell 6 jew 7 tal-MQF kif definit fl-Appendiċi A, imma mhux fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih, flimkien ma' ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, jew fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fis-suġġett/qasam li applikaw għalih, jew ogħla;

(a) in possession of a recognised teaching qualification at MQF Level 6 or 7 as defined in Appendix A, but not in the cycle/subject/area applied for, together with an Advanced Matriculation Level (minimum Grade E), or a recognised pertinent comparable qualification, or at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS credits or equivalent*) in the subject/area applied for, or higher;

(b) għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni l-applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(iii) (a) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu/suġġett/qasam bil-kundizzjoni li jkunu fil-pussess ta' 'pass' fl-ECDL/ICDL Avvanzat. L-applikanti li ma jkollhomx taħriġ speċifiku f'C3 xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li meta jiġu offruti l-impjieg itemmu b'suċċess it-taħriġ meħtieġ f'C3 sa tmiem is-sena skolastika;

(b) for Information and Communication Technology applicants may apply with the requisites in paragraphs 5.1 (iii) (a) above with any specialisation in the cycle/subject/area on condition that they are in possession of a pass in an Advanced ECDL/ICDL. Applicants not in possession of specific training in C3 may still apply on condition that when offered employment they successfully complete the required training in C3 by end of scholastic year;

(c) għall-Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) u/jew il-Programm Preparatorju għall-Istudenti Internazzjonali, l-applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(iii) (a) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu/suġġett/qasam;

(c) for the Special Education (General) and/or International Learners' Induction Programme, applicants may apply with the requisites in paragraphs 5.1(iii) (a) above with any specialisation in the cycle/subject/area;

(d) għall-Edukazzjoni Primarja (Ġenerali) l-applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(iii) (a) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu/suġġett/qasam u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (Livell 3 tal-MQF), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi il-Matematika, l-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

(d) for the Primary Education (General) applicants may apply with the requisites in paragraphs 5.1(iii) (a) above with any specialisation in the cycle/subject/area and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

(e) applikanti li għandhom fil-pussess tagħhom degree fl-Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC) jistgħu japplikaw għal paragrafi 5.1(iii) (d) hawn fuq, bil-kundizzjoni li jkunu fil-pussess ta' Livell ta' Matrikola Avvanzat (minimu Grad E) f'wieħed minn dawn li ġejjin: Malti jew Ingliż jew Matematika jew suġġett fix-Xjenza u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi il-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

(e) applicants in possession of an Early Childhood Education and Care (ECEC) degree may apply for paragraphs 5.1(iii) (d) above, on condition that they are in possession of an Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) in one of the following: Maltese or English or Mathematics or a Science Subject and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

(f) f'każ ta' suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing u Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail u Moda u Tessuti, l-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jotjenu din il-kwalifika bil-kundizzjoni li tkun inkisbet din il-kwalifika qabel ma tiġi mġedda l-ħatra definittiva għas-sena skolastika li jmiss.

(f) in the case of the following subjects taught at secondary cycle: Agribusiness, Engineering Technology, Hairdressing and Beauty, Health and Social Care, Hospitality, Information Technology, Media Literacy, Retail and Fashion and Textiles, applicants must be in possession of a Course in the Learning and Assessment of the VET subjects. Applicants not in possession of the Course in the Learning and Assessment of the VET subjects may still apply on condition that they have attained this qualification before the definite appointment is renewed for the next scholastic year.

(g) għall-Edukazzjoni Sekondarja (Ħiliet Bażiċi tal-Ħajja), l-applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(iii) (a) hawn fuq, bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fl-oqsma relatati, iżda mhux limitati, maż-żamma u manutenzjoni tad-dar, immaniġġjar tal-finanzi personali, il-kura u s-saħħa soċjali, ħiliet fit-tessuti, litteriżmu u użu diġitali u l-kontroll emozzjonali.

(g) for the Secondary Education (Life skills), applicants may apply with the requisites in paragraphs 5.1(iii) (a) above with any specialisation in the areas related, but not limited to, home upkeeping and maintenance, personal financial management, health and social care management, textile skills, digital literacy management and emotional regulation.

Kull referenza għall-kwalifika ta' Tagħlim jew kwalifika/kors pedagoġiku msemmi hawn fuq trid tkun skont it-tabella li tinstab f'Appendiċi A u tkun meqjusa komparabbli mis-CTP skont it-termini ta' Artiklu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Min għandu Baċċelerrat fl-Edukazzjoni jew PGCE jew MTL maħruġ mill-Università ta' Malta jew fl-Istitut tal-Edukazzjoni, huma eżentati milli jipprovdu l-komparabbiltà.

Any reference to a Teaching qualification or a pedagogical qualification/course mentioned above is required to be as indicated in the table found in Appendix A and is required to be deemed as comparable by the CTP in terms of article 24 (2) (d) (iv) of the Education Act. Holders of a Bachelor of Education or a PGCE or MTL awarded by the University of Malta or Insitute for Education, are exempt from presenting such a comparability statement.

Kull referenza għal kwalifika rikonoxxuta ta' Tagħlim jew kors ta' Pedagoġiku (Appendiċi A) msemmi hawn fuq, tista' tarahom billi taċċessa dan il-link: (https://peoplemanagement-education.gov.mt/wp-content/uploads/2026/03/Appendix-A-Teacher-Call-2026-2027.pdf)

Kategorija B

(iv) Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont paragarafi 5.1(iii) ta' hawn fuq u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eliġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom:

(a) kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS jew ekwivalenti*), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih;

JEW

(b) kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS jew ekwivalenti*), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih;

JEW

(c) kwalunkwe mill-kwalifiki msemmija f'paragarafi 5.1(iv) (a) jew (b) hawn fuq, imma mhux fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih, flimkien ma' ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avvanzat tal-Livell 4 tal-MQF (minimu Grad E) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 krettu ECTS jew ekwivalenti*), fis-suġġett/qasam relatat li applikaw għalih, jew ogħla;

(d) għall-Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) u/jew Programm Preparatorju għall-Istudenti Internazzjonali, l-applikanti jistgħu japplikaw b'rekwiżiti f'paragrafi 5.1(iv) (a) u (b) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu/qasam/suġġett;

(e) għall-Edukazzjoni Primarja (Ġenerali) applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(iv) (a) u (b) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu/suġġett/qasam u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

(f) applikanti li għandhom fil-pussess tagħhom degree fl-Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC) jistgħu japplikaw għal paragrafi 5.1(iv) (e) hawn fuq bil-kundizzjoni li jkunu fil-pussess ta' Livell ta' Matrikula Avvanzata (minimu Grad

A table of recognised teaching qualification or pedagogical course (Appendix A) mentioned above, may be viewed by accessing the following link: (https://peoplemanagement-education.gov.mt/wp-content/uploads/2026/03/Appendix-A-Teacher-Call-2026-2027.pdf)

Category B

(iv) in the absence of applications from eligible applicants according to paragraphs 5.1 (iii) above and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of:

(a) a recognised qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS credits or equivalent*) or a recognised pertinent comparable qualification in the cycle/subject/area applied for;

OR

(b) a recognised qualification at MQF Level 6 (with a minimum of 180 ECTS credits or equivalent*) or a recognised pertinent comparable qualification in the cycle/subject/area applied for;

OR

(c) any of the qualifications mentioned in paragraphs 5.1 (iv) (a) or (b) above, but not in the cycle/subject/area applied for, together with an Advanced Matriculation Level at MQF Level 4 (minimum Grade E), or a recognised pertinent comparable qualification, or a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS credits or equivalent*) in the subject/area applied for, or higher;

(d) for the Special Education (General) and/or International Learners' Induction Programme, applicants may apply with any of the requisites in 5.1(iv) (a) and (b) above with any specialisation in the cycle/subject/area;

(e) for the Primary Education (General) applicants may apply with any of the requisites in 5.1(iv) (a) and (b) above with any specialisation in the cycle/subject/area and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

(f) applicants in possession of an Early Childhood Education and Care (ECEC) degree may apply for paragraph 5.1(iv) (e) above, on condition that they are in possession of an Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) in

E) f'wieħed minn dawn li ġejjin: Malti jew Ingliż jew Matematika jew Suġġett fix-Xjenza u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

one of the following: Maltese or English or Mathematics or a Science Subject and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

(g) f'każ ta' suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing u Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail u Moda u Tessuti, l-applikanti irid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET, xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jotjenu din il-kwalifika bil-kundizzjoni li tkun inkisbet din il-kwalifika qabel ma tiġi mġedda l-ħatra definittiva għas-sena skolastika li jmiss;

(g) in the case of the following subjects taught at secondary cycle: Agribusiness, Engineering Technology, Hairdressing and Beauty, Health and Social Care, Hospitality, Information Technology, Media Literacy, Retail and Fashion and Textiles, applicants must be in possession of a Course in the Learning and Assessment of the VET subjects. Applicants not in possession of the Certificate Course in the Learning and Assessment of the VET subjects may still apply on condition that they have attained this qualification before the definite appointment is renewed for the next scholastic year;

(h) fil-każ tad-Disinn u Teknoloġija, l-eliġibbiltà tkun estiża għal dawk l-applikanti li minn barra ir-rekwiżiti ta' paragrafu 5.1, kisbu kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla fil-Product Design, Mechanical Engineering, Electronics Engineering jew Livell 4 tal-MQF fil-Fiżika, jew kwalifika komparabbli pertienenti rikonoxxuta. Din l-estensjoni hija suġġetta li jekk l-applikanti ma jippreżentawx il-kwalifiki relatati ma' dawn l-oqsma kollha li ġejjien: tagħrif ta' Livell 4 tal-MQF fuq teorija elettronika, Workshop ta' esperjeza fil-Manifattura, tagħrif ta' Livell 5 tal-MQF fuq teorija ta' prinċipji tal-Mekkaniżmu u tagħrif ta' Livell 3 tal-MQF fil-Graphical Communication, l-applikanti huma suġġetti li jattendu jew ifittxu taħriġ offrut estern, sabiex jiġu ikkunsidrati jew ikkonfermati fil-pożizzjoni tagħhom.

(h) in the case of Design and Technology, eligibility is extended to applicants who besides the requirements in paragraph 5.1, hold a recognised qualification at MQF Level 6 or higher in Product Design, Mechanical Engineering, Electronics Engineering or MQF Level 4 in Physics or recognised pertinent comparable qualification. This extension is subject that if applicants do not present qualifications related to all the following areas: MQF Level 4 knowledge on Electronics theory, Workshop Manufacturing experience, MQF Level 5 knowledge on mechanical principles theory and MQF Level 3 knowledge on Graphical Communication, applicants are subject to attending or seeking external training in order to be considered or confirmed in their position.

(i) għall-Edukazzjoni Sekondarja (Ħiliet Bażiċi tal-Ħajja), l-applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(iv) (c) hawn fuq, bi kwalunkwe speċjlizzazjoni fl-oqsma relatati, iżda mhux limitati, maż-żamm u manutenzjoni, mmaniġjar tal-finanzi, il-kura u s-saħħa soċjali, maż-żamm tal-ħwejjeġ, l-użu diġitali u l-kontroll emozzjonali.

(i) for the Secondary Education (Life skills), applicants may apply with the requisites in paragraphs 5.1(iv) (c) above with any specialisation in the areas related, but not limited to, home upkeeping and maintenance, personal financial management, health and social care management, textile skills, digital literacy management and emotional regulation.

Kategorija Ċ

Category C

(v) Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont paragarafi 5.1 (iii) u (iv) ta' hawn fuq u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eliġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom:

(v) in the absence of applications from eligible applicants according to paragraphs 5.1(iii) and (iv) above and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of:

(a) kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS jew kwivalenti*), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew

(a) a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS credits or equivalent*) or a recognised pertinent comparable qualification in the cycle/subject/area applied for and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level

Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

(b) għall-Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) u/jew Programm ta' induzzjoni għall-Istudenti Internazzjonali, l-applikanti jistgħu japplikaw b' rekwiżiti f' paragrafi 5.1 (v) (a) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu/suġġett/qasam;

(c) applikanti li jkunu fil-pussess ta' Diploma tal-VET f'Livell 5 tal-MQF fl-Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC) (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS jew ekwivalenti*) jew iżjed irid ikollhom ukoll Livell ta' Matrikula Avvanzat (minimu Grad E) f'wieħed minn dawn li ġejjin: Malti jew Ingliż jew Matematika jew Suġġett fix-Xjenza u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (Livell 3 tal-MQF), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-lingwa Ingliża, l-lingwa Maltija u l-Matematika;

(d) f'każ ta' suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing u Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail u Moda u Tessuti, l-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li tkun inkisbet din il-kwalifika qabel ma tiġi mġedda l-ħatra definittiva għas-sena skolastika li jmiss.

(e) għall-Edukazzjoni Sekondarja (Ħiliet Bażiċi tal-Ħajja), l-applikanti jistgħu japplikaw bir-rekwiżiti fil-paragrafi 5.1(v) (a) hawn fuq, bi kwalunkwe speċjalizzazjoni fl-oqsma relatati, iżda mhux limitati, maż-żamm u manutenzjoni tad-dar, immaniġjar tal-finanzi personali, il-kura u s-saħħa soċjali, ħiliet fit-tessuti, litteriżmu u użu diġitali u l-kontroll emozzjonali.

Kategorija D

(vi) Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont paragarafi 5.1 (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eliġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom:

(a) kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 krettu ECTS jew ekwivalenti*) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li japplikaw għalih, u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell

('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

(b) for the Special Education (General) and/or International Learners' Induction Programme, applicants may apply with any of the requisites in 5.1(v) (a) above with any specialisation in the cycle/subject/area;

(c) applicants in possession of a VET Diploma at MQF Level 5 in Early Childhood Education and Care (ECEC) (with a minimum of 60 ECTS credits or equivalent*) or higher must also have an Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) in one of the following: Maltese or English or Mathematics or a Science Subject and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level (O Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include English language, Maltese language and Mathematics;

(d) in the case of the following subjects taught at secondary cycle: Agribusiness, Engineering Technology, Hairdressing and Beauty, Health and Social Care, Hospitality, Information Technology, Media Literacy, Retail and Fashion and Textiles, applicants must be in possession of a Course in the Learning and Assessment of the VET subjects. Applicants not in possession of the Course in the Learning and Assessment of the VET subjects may still apply on condition that they have attained this qualification before the definite appointment is renewed for the next scholastic year.

(e) for the Secondary Education (Life skills), applicants may apply with the requisites in paragraphs 5.1(v) (a) above with any specialisation in the areas related, but not limited to, home upkeeping and maintenance, personal financial management, health and social care management, textile skills, digital literacy management and emotional regulation.

Category D

(vi) in the absence of applications from eligible applicants according to paragraphs 5.1(iii) (iv) and (v) above and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of:

(a) a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS credits or equivalent*) or a recognised pertinent comparable qualification in the cycle/subject/area applied for and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised

3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

JEW

(b) żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola (minimu grad E) (MQF Livell 4) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, fejn wieħed mis-suġġett fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola (minimu grad E) jew Award fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 30 krettu ECTS jew ekwivalenti*) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, irid ikun fis-suġġett/qasam li qed japplikaw għalih u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

(c) applikanti li jkunu fil-pussess ta' Diploma tal-VET f'Livell 4 tal-MQF fl-Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC) (suġġetta għall-minimu ta' 120 krettu ECTS jew ekwivalenti*) irid ikollhom ukoll Livell ta' Matrikula Avvanzat (minimu Grad E) f'wieħed minn dawn li ġejjin: Malti jew Ingliż jew Matematika jew Suġġett fix-Xjenza u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (Livell 3 tal-MQF), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-lingwa Ingliża, il-lingwa Maltija u l-Matematika;

(d) fil-każ tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni l-applikanti li japplikaw taħt paragrafu 5.1 (vi) (a) jew (b) hawn fuq iridu jkunu fil-pussess ta' 'pass' fl-ECDL/ICDL Avvanzat. L-applikanti li ma jkollhomx taħriġ speċifiku f'C3 xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li meta jiġu offruti l-impjieg itemmu b'suċċess it-taħriġ meħtieġ f'C3 sa tmiem is-sena skolastika;

(e) fil-każ tal-Edukazzjoni Fiżika, l-eliġibbiltà tkun estiża għal dawk l-applikanti li kisbu MQF Livell 4 fl-Isports U erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC Grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level Grad A–Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi l-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija;

(f) fil-każ tal-Engineering Drawing/Computer Aided Design (CAD), applikanti li poġġew għall-eżamijiet tal-livell Avvanzat tal-Matrikola (MQF Livell 4) f' Engineering Drawing fl-2010 jew qabel, iridu jippreżentaw ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avvanzat (minimu Grad E) (MQF Livell 4) fl-Engineering Drawing u ċertifikati tas-City and Guilds Livell 2D u 3D fil-Computer Aided Design jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta. Kandidati li poġġew għal-Livell Avvanzat tal-Matrikola (MQF Livell 4) mill-

pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

OR

(b) two (2) subjects at Advanced Matriculation Level (minimum grade E) (MQF Level 4) or a recognised pertinent comparable qualification, where one (1) subject of the Advanced Matriculation Level (minimum grade E) or an Award at MQF Level 4 (subject to a minimum of 30 ECTS credits or equivalent*) or a recognised pertinent comparable qualification, must be in the subject/area applied for and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include Mathematics, English language and Maltese language;

(c) applicants in possession of a VET Diploma at MQF Level 4 in Early Childhood Education and Care (ECEC) (with a minimum of 120 ECTS credits or equivalent*) must also have an Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) in one of the following: Maltese or English or Mathematics or a Science Subject and four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification which must include English language, Maltese language and Mathematics;

(d) in the case of Information and Communication Technology, applicants applying under paragraph 5.1 (vi) (a) or (b) above must be in possession of a pass in an Advanced ECDL/ICDL. Applicants not in possession of specific training in C3 may still apply on condition that when offered employment they successfully complete the required training in C3 by end of scholastic year;

(e) in the case of Physical Education, eligibility shall be extended to applicants in possession of an MQF Level 4 in Sports, AND four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level (O Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include English language and Maltese language;

(f) in the case of Engineering Drawing/Computer Aided Design (CAD), applicants who sat for their Advanced Matriculation Level (MQF Level 4) examinations in Engineering Drawing in 2010 or before, need to produce an Advanced Matriculation Level (minimum grade E) (MQF Level 4) in Engineering Drawing and Level 2D and 3D City and Guilds Certificates in Computer Aided Design, or recognised pertinent comparable qualification. Candidates who sat for their Advanced Matriculation Level (MQF Level

2011 'il quddiem iridu jippreżentaw biss iċ-ċertifikat tal-Livell Avvanzat tal-Matrikola fl-Engineering Drawing billi dan sar jinkludi komponenti mill-CAD;

(g) f'każ ta' suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing u Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail u Moda u Tessuti, l-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li tkun inkisbet din il-kwalifika qabel ma tiġi mġedda l-ħatra definittiva għas-sena skolastika li jmiss.

(h) għall-Edukazzjoni Sekondarja (Ħiliet Bażiċi tal-Ħajja), l-eliġibbiltà tkun estiża għal dawk l-applikanti fil-pussess ta' Livell 4 tal-MQF bi kwalunkwe speċjalizzazjoni fl-oqsma relatati, iżda mhux limitati, maż-żamma u manutenzjoni tad-dar, immaniġġjar tal-finanzi personali, il-kura u s-saħħa soċjali, ħiliet fit-tessuti, litteriżmu u użu diġitali u l-kontroll emozzjonali u erba' (4) passes fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-Ċ jew 9-4) (MQF Livell 3), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, li trid tinkludi il-Matematika, il-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 30/60/120/180 krettu ECTS, hekk kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali)

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4) in 2011 onwards need only to produce the Engineering Drawing A Level certificate as now this includes components in CAD;

(g) in the case of the following subjects taught at secondary cycle: Agribusiness, Engineering Technology, Hairdressing and Beauty, Health and Social Care, Hospitality, Information Technology, Media Literacy, Retail and Fashion and Textiles, applicants must be in possession of a Course in the Learning and Assessment of the VET subjects. Applicants not in possession of the Course in the Learning and Assessment of the VET subjects may still apply on condition that they have attained this qualification before the definite appointment is renewed for the next scholastic year.

(h) for the Secondary Education (Life skills), eligibility shall be extended to applicants in possession of an MQF Level 4 in the areas related, but not limited to, home upkeeping and maintenance, personal financial management, health and social care management, textile skills, digital literacy management and emotional regulation, AND four (4) passes at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) and/or Ordinary Level (O Level grade A-C or 9-4) (MQF Level 3), or a recognised pertinent comparable qualification, which must include English language and Maltese language;

*A recognised qualification comparable to 30/60/120/180 ECTS credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.3 L-applikanti kollha eliġibbli taħt paragrafi 5.1 iridu japplikaw għall-warrant temporanju online jew iġeddu l-warrant temporanju tagħhom permezz tal-link li ġejja: (https://education.gov.mt/public-bodies/council-for-the-teaching-profession/). Il-warrant temporanju dejjem jiskadi fil-31 ta' Awwissu u għandu jiġġedded kull sena skolastika.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400. Bħala parti mill-intervista persuni eliġibbli huma mistennija li:

a. Jagħmlu preżentazzjoni diġitali ta' 5 sa 7 minuti bl-Ingliż fejn juru l-abbiltà sħiħa fil-pedagoġija u fl-assessjar f'ambjent inklussiv fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih;

b. Juru għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i (każijiet) u numru ta' mistoqsijiet bil-Malti.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1-5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Kandidat magħżul li japplika skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) ta' hawn fuq, jitqiegħed f' lista b' ordni tal-mertu msejħa Kategorija A. Dawn l-applikanti se jiġu maħtura bħala għalliema fuq kuntratt definit għall-sena skolastika waħda (1). Il-ħatra tagħhom għas-sena skolatika li jkun imiss tiġi imġedda bil-kundizzjoni li ilestu b'suċċess l-Adaptation Course addattat A, B jew C kif imsemmi f'Anness II tal-Ftehim Settorjali tal-Edukazzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teachers (MUT) datat 15 ta' Lulju, 2024.

7.4 Dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(iv), jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija B, dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija Ċ u dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1 (vi) jitqiegħdu f' ordni tal-mertu msejħa Kategorija D. Dawn l-applikanti se jingħataw ħatra definita bħala Għalliema Supplimentari.

5.3 All applicants applying under paragraphs 5.1 above are to apply for a temporary warrant online or renew their temporary warrant through the following link: (https://education.gov.mt/public-bodies/council-for-the-teaching-profession/). The temporary warrant always expires on 31st August and must be renewed every school year.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 400. As part of the interview eligible applicants are expected to:

a. Give a 5 to 7 minute digital presentation in English showing the ability to demonstrate mastery in pedagogy and assessment in an inclusive environment in the subject/area/cycle applied for.

b. Show professional knowledge, competences and attitudes through case study/studies and a series of questions in Maltese.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1-5.3, have proven relevant work experience.

7.3 A successful candidate who applies in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be put on an order of merit list named Category A. These applicants shall be appointed as Teachers on a definite contract for one (1) scholastic year. Renewal of appointment for the next scholastic year will be on condition that they successfully complete the appropriate Adaptation course A, B or C mentioned in Annex II of the Education Sectoral Agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers (MUT) dated 15th July, 2024.

7.4 Those applying in terms of paragraphs 5.1(iv) will be put on a order of merit list named Category B, those applying in terms of paragraphs 5.1(v) will be put on a order of merit list named Category C and those applying in terms of paragraphs 5.1 (vi) will be put on an order of merit list named Category D. These applicants will be given a definite appointment as Supply Teacher.

7.5 Il-kandidati magħżulin, li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) ta' hawn fuq, jingħataw preferenza fuq kandidati magħżulin li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iv) ta' hawn fuq, u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(v) u (vi) hawn fuq. B'hekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafi 5.1,(iv), (v) u (vi) jiġu kkunsidrati biss ladarba l-ordni tal-mertu ta' Kategorija A li hemm referenza għaliha f'paragrafu 7.3, tkun ġiet eżawrita u jekk ikun fadal xi postijiet vakanti.

7.5 Successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be given preference over successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iv) above, and these in turn be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraphs 5.1(v) and (vi) above. Hence, applicants applying under paragraphs 5.1 (iv), (v) and (vi) will only be considered once the order of merit of Category A referred to in paragraph 7.3, has been exhausted and if vacancies still exist.

7.6 B'hekk, listi ta' riżultati separati jiġu ppubblikati skont l-ordni tal-mertu taċ-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2 hawn fuq, u skont sezzjoni 5.1, u paragrafi 7.3, 7.4 u 7.5. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

7.6 Consequently, separate result lists will be published according to the order of merit pertaining to the cycle/subject/area mentioned in paragraph 1.2 above, and in accordance with section 5.1, and paragraphs 7.3, 7.4 and 7.5. The result list will remain valid for two years from date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

Submission of Applications

8.1 L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet imsemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/ċiklu/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MEYR li jagħżel liema suġġett/i u/jew ċiklu/i u/jew qasam/oqsma joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MEYR.

8.1 Applicants may apply for more than one of the options listed in clause 1.2 above, by applying separately for every subject/cycle/area. However, it is the prerogative of MEYR to select which subject/s and/or cycle/s and/or area/s to offer employment to the selected candidates, according to the exigencies of the Malta Public Service and MEYR.

8.2 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg).

8.2 Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation through the online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2027. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar issottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 28th May, 2027. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.3 Minħabba l-esiġenżi tal-MEYR, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' April, 2026. Madankollu, wara l-ewwel data tal-għeluq fejn ma jeżisti l-ebda post battal f'ċiklu/suġġett/qasam, il-profil għal dak iċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari jingħalaq u jibqa' magħluq sakemm isseħħ vakanza. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ notifika li tirreklama li ċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari issa huwa miftuħ u se jibqa' miftuħ sakemm jimtela dak il-post battal.

8.3 Due to the exigencies of MEYR, the selection process will initially consider applications received by5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 20th April, 2026. However, after the closing date where no vacancy exist in a cycle/subject/area, the profile for that particular cycle/subject/area will close and remain closed until a vacancy occurs. In such instances, a notification is issued advertising that particular cycle/subject/area is now open and will remain open until that vacancy is filled.

Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal

Successful candidates in every cycle/subject/area will be placed in an order of merit list which will remain valid for

sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba postijiet vakanti addizzjonali fiċ-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikunu ssottomettew l-applikazzjoni sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2027. Aktar assistenza tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2598 0000.

8.4 L-applikanti għandhom, wara li jiġu offruti l-ingaġġ u jirċievu l-Formola ta' Notifika ta' Deployment (DNF) mibgħuta mid-Direttorat tar-Riżorsi għall-Edukazzjoni, japplikaw għall-warrant temporanju jew it-tiġdid tiegħu online minn (https://education.gov.mt/public-bodies/council-for-the-teaching-profession/). L-applikanti huma meħtieġa jipprovdu kopja PDF tal-formola ta' Notifika ta' Deployment (DNF) mal-applikazzjoni għall-warrant temporanju jew it-tiġdid tiegħu.

8.5 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.6 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.7 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

two years from the date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

However, should the order of merit list be exhausted as a result of additional vacancies in the cycle/subject/area mentioned in paragraph 1.2, other applicants may be assessed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 28th May, 2027. Further assistance with the application may be obtained by telephone number 2598 0000.

8.4 Applicants must, after being offered engagement and receiving the Deployment Notification Form (DNF) from the Education Resources Directorate, apply for a temporary warrant or its renewal online through (https://education.gov.mt/public-bodies/council-for-the-teaching-profession/). Applicants must upload a PDF copy of the Deployment Notification Form (DNF) with the application for a temporary warrant or its renewal.

8.5 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.6 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.7 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-2 ta' April, 2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-post ta' Għalliem f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li jidhru hawn taħt:

1. Edukazzjoni Primarja (Ġenerali)/Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC);
2. Edukazzjoni Primarja (Programm Preparatorju għall-Istudenti Internazzjonali);
3. Edukazzjoni Sekondarja (Agribusiness);
4. Edukazzjoni Sekondarja (Computing);
9. That on the fourth of July of the year two thousand and twenty four (4.7.2024), the protesting company filed judicial proceedings before the Honourable First Hall Civil Court in the names Yleventwo Limited vs Hospitality International Limited (Application number 749/24 DC), inter alia, for the purpose that the respondent Hospitality International Limited be condemned to pay the damages suffered as a consequence of the termination of the contractual relationship above mentioned. The protesting company also filed an application for the issuing of a Precautionary Garnishee order with number 1122/2024 together with the filing of the said Application, which was upheld by the Honourable Court on the same day;

10. That, at the moment that the property of the trademark above mentioned by the respondent Hospitality International Limited was transferred to the respondent Evocom MT Limited, as well as at the moment that the property of the same trademark was transferred by the said Evocom MT Limited to the respondent Comma Malta Limited, these three companies were run and managed by the same directors, or rather by Dr Georg Sapiano (ID 71568M) and by Michael Spiteri Bailey (ID 316179M). Dr Georg Sapiano still holds the post of director in these three companies to this day, while both he and Michael Spiteri Bailey are still shareholders in these three companies;

11. That the abovementioned applications were drafted and submitted by the law firm, Aequitas Legal, in the name and on behalf of the respondent companies, which was identified in those applications as 'recordal requestere' and their 'representative';

12. That Dr Georg Sapiano is the founder of that law firm, Aequitas Legal, or rather of that representative of the

imsemmija rappreżentant tal-kumpanija protestati u, illum il-ġurnata, għad għandu konnessjonijiet ċari u ovvji mal-istess;

13. Illi l-proċeduri ġudizzjarji surreferiti, attwalment, huma pendenti u, sal-ġurnata tal-lum, ma ġew iddepożitati l-ebda flejjes in virtù tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju surreferit;

14. Illi l-protestata Hospitality International Limited m'għandha l-ebda assi immobbiljari u, għaldaqstant, it-trademark 'TANHK', li preċedentement kien jappartjeni lilha, jikkostitwixxi l-uniku ass ta' valur sinifikanti li jista' jservi ta' garanzija għall-pretensjoni dedotta mill-kumpanija protestanti fil-konfront tal-istess protestata permezz tal-proċeduri ġudizzjarji surreferiti;

15. Illi, għaldaqstant, l-assenjazzjoni tat-trademark 'TANHK' lil terzi, kif ukoll l-arranġamenti relattivi li ġew orkestrati għal dan il-għan mid-diretturi tal-kumpaniji protestati, saru b'qerq u bi frodi tad-dritt kreditorju u tal-pretensjonijiet tal-kumpanija protestanti;

16. Illi, għaldaqstant, it-trasferimenti surreferiti sarrfu fi preġudizzju għad-drittijiet tal-kumpanija protestanti, qua kreditriċi tal-protestata Hospitality International Limited u qua titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, u għaldaqstant, huma revokabbli ai termini tal-Artikolu 1144 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet su esposti, il-kumpanija protestanti qiegħda żżomm lill-protestati responsabbli għall-preġudizzju u għad-danni talvolta kkaġunati b'konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali tagħhom u, konsegwentement, qiegħda, permezz tal-preżenti, tqegħidhom in dolo, mora et culpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u qiegħda tinterpellahom sabiex, b'effett immedjat, u fi kwalunkwe każ sa mhux iktar tard minn erbatax-il (14) jum min-notifika ta' dan il-Protest Ġudizzjarju:

1. Jieħdu dawk il-miżuri u jagħmlu dawk l-arranġamenti kollha sabiex jissanaw u tirrimedjaw l-irregolaritajiet surreferiti;

2. Jieħdu dawk il-miżuri u jagħmlu dawk l-arranġamenti kollha neċessarji u opportuni sabiex jirriintegraw u jirristawraw id-dritt kreditorju tal-kumpanija protestanti, inkluż id-dritt tagħha li tikkawtela u tissalvagwardja l-pretensjoni dedotta minnha permezz tal-proċeduri ġudizzjarji pendenti fl-ismijiet Yleventwo Limited vs Hospitality International Limited (Rikors Ġuramentat numru 749/24DC);

3. Jipprovdu, ossija jressqu u jfornu, garanzija suffiċjenti għall-ħlas tal-kreditu rreklamat permezz tal-proċeduri

respondent company and that, today, he retains clear and obvious links with that representative;

13. That the abovementioned court proceedings are currently pending and that, to date, no sums were deposited in virtue of the above-referenced garnishee order;

14. That the respondent Hospitality International Limited has no immovable assets and, therefore, the trademark 'TANHK', which previously belonged to it, constitutes the only asset of significant value which can serve as a security for the claim brought by the applicant company against the same respondent by means of the judicial procedures above mentioned;

15. That, therefore, the assignment of the trademark 'TANHK' to third parties, as well as the relative arrangements which were orchestrated for this purpose by the directors of the protesting companies, were made by deceit and fraud of the creditor right and of the claims of the applicant company;

16. That, therefore, the abovementioned transfers translated into a prejudice to the rights of the applicant company, as creditor of the respondent Hospitality International Limited and as the rightful holder of a right which has a pecuniary value, and therefore, these transfers are revocable in terms of Article 1144 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Therefore, in the light of the above considerations, the applicant company is holding the respondents liable for the prejudice and damage caused as a result of their abusive and unlawful conduct and, consequently, by the present, is placing them in dolo, mora et culpa for all intents and purposes of law and calls upon them to, with immediate effect, and in any event no later than fourteen (14) days from the service of this notice. Judicial protest:

1. Take such measures and make such arrangements as are necessary to remedy and sanction the irregularities referred to above;

2. Take those measures and make all necessary and opportune arrangements in order to reinstate and restore the creditor right of the applicant company, including its right to safeguard and safeguard the claim brought forward by it through the pending judicial proceedings in the names Yleventwo Limited vs Hospitality International Limited (Application number749/24DC);

3. Provide, or submit and furnish, a sufficient security for the payment of the credit advertised through the judicial

ġudizzjarji surreferiti, u/jew jottempraw ruħkom ma' dak ipprovdut fil-Artikolu 795 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas li jottempraw ruħhom ma' dak lilhom avżat permezz tal-preżenti entro t-terminu konċess lilhom għal dan il-għan, il-kumpanija protestanti qiegħda, minn issa, tipprovdi avviż formali tal-intenzjoni tagħha li:

i) Tipproċedi ġudizzjarjament fil-konfront tal-protestati sabiex jiġi ddikjarat li t-trasferimenti tat-trademark 'TANHK' saru bi frodi tad-drittijiet tagħha u li, għaldaqstant, huma legalment ineffikaċi fil-konfront tagħha;

ii) Talvolta tipproċedi bl-atti u bil-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi mistħarreġ u rrimedjat dan l-aġir doluż daparti tad-diretturi tal-protestata Hospitality International Limited, inter alia, ai termini tal-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex il-protestati jagħrfu jirregolaw ruħhom u sabiex jagħrfu jevitaw spejjeż u proċeduri ġudizzjarji.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u b'riżerva għal kull azzjoni ċivili u penali spettanti lill-kumpanija protestanti fil-konfront tal-kumpaniji protestati u tad-diretturi tagħhom.

Protestant: 232, 'Belgravia Court', Flat 1, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Notifika: Dott. Georg Sapiano, fil-vesti u fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Evocom MT Limited, 44, Triq il-Madliena, Il-Madliena, Is-Swieqi

Dr Georg Sapiano, fil-vesti u fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Comma Malta Limited, 44, Triq il-Madliena, Il-Madliena, Is-Swieqii

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

procedures above referred to, and/or comply with that provided in Article 795 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In default of complying with that notified to them by means of this present within the term granted to them for this purpose, the applicant company is, from now, providing a formal notice of its intention to:

i) Bring legal proceedings against the respondents seeking a declaration that the transfers of the trademark 'TANHK' were made in fraud of its rights and are therefore legally ineffective against it;

ii) Proceed with all the necessary acts and measures in order to inquire and remedy this fraudulent behaviour on the part of the directors of the respondent Hospitality International Limited, inter alia, in terms of Article 315 of Cap. 386 of the Laws of Malta.

So much so that the respondents may know how to regulate themselves and to know how to avoid costs and judicial procedures.

With costs of this present and saving any civil action and penalties due to the applicant company against the respondent companies and their directors.

Applicant: 232, 'Belgravia Court', Flat 1, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Notification: Dr Georg Sapiano, in his rights and capacity as a director of Evocom MT Limited, 44, Triq il-Madliena, Madliena, Swieqi

Dr Georg Sapiano, in his rights and capacity as a director of Comma Malta Limited, 44, Triq il-Madliena, Madliena, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

892

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1712/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Mark Grima, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mark Grima (KI 299180M) ta' 263, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar SPB 3411, fit-12 ta' Mejju, 2025, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta'

By means of a decree of the 1st September, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 1712/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Mark Grima, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et seq of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mark Grima (ID 299180M) of 263, Triq San Pawl, St Paul's Bay SPB 3411, on the 12th May, 2025, the Commissioner for Tax and Customs of

Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €2,243 kwantu għal €2,061 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2015, 2018, 2019, 2020 u 2021 u kwantu għal €182 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Adminisitration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €2,243 as for the amount of €2,061 representing the tax from the income or provisional tax for the years of assessment 2015, 2018, 2019, 2020 and 2021 and as for the amount of €182 as additional tax and interest according to the Notice/ Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

Because you failed to pay the amount due to the interpellant although a demand for payment was made (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount in the time given, he will proceed for the execution of his executive title given in terms of Article 40 of the Income Tax Management Act.

Pay the costs of this Act

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

893

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3117/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kenneth Cole pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kenneth Cole a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' Lulju, 2025

Lil Kenneth Cole (KI 0647660M) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Bel Di International Limited (C60704) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' 15,Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €225,029.73 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex

By means of a decree of the 17th September, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3117/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Kenneth Cole pro et noe, the following publication for the purpose of service on the Kenneth Cole was ordered in terms of Article 187 (3) et seq of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th July, 2025

To Kenneth Cole (ID 0647660M) in his own name and also as director for and on behalf of the company Bel Di International Limited (C60704) presently struck off from the Registry of Companies of 15, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €225,029.73 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax.

With costs and interest according to Cap. 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render

tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

894

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 204/2026, minn Joan Brincat et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Joan Brincat, Elizabeth Musu, Marion Buttigieg, Simon Fenech, Doreen Bonnici, Franca Anne Damato, Patricia Coppini, Felicienne Mallia, Victor Fenech, Edward Fenech, Claire Burlo, Adrian Fenech u Ian Fenech ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Noel Fenech, ġuvni, bin il-mejtin Edward Fenech u Mary née Debono, imwieled Tas-Sliema, Malta, kien residenti Tas-Sliema, Malta u miet Tas-Sliema, Malta, fit-22 ta' Diċembru, 2025, ta' 68 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0437757M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 30 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd March, 2026, Application number 204/2026, by Joan Brincat et whereby they requested that it be declared open in favour of Joan Brincat, Elizabeth Musu, Marion Buttigieg, Simon Fenech, Doreen Bonnici, Franca Anne Damato, Patricia Coppini, Felicienne Mallia, Victor Fenech, Edward Fenech, Claire Burlo, Adrian Fenech and Ian Fenech brothers and sisters of the decujus in equal shares between them the succession of Noel Fenech, bachelor, son of the late Edward Fenech and Mary née Debono, born in Tas-Sliema, Malta, resided in Tas-Sliema, Malta, and died in Tas-Sliema, Malta, on the 22nd December, 2025, aged 68, and who held identity card number 0437757M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 30th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

895

ARB/C107/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Frar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD), Kumpilazzjoni Numru 767/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C107/2025 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 9th February, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD) Compilation number 767/2025, in the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ANDREINA FENECH FARRUGIA;

GIOVANNI ELLUL, direttur, ta' 39 sena, iben Salvu Ellul u Rita Ellul xebba' Sammut, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta Settembru, 1986, u residenti f'126, Casa Bella Vista, Triq Tax-Xerriek, Marsaxlokk, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 452386M.

U

MALTA FISH FARMING LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil GIOVANNI ELLUL jittrasferixxi 2100 ishma ordinarji (B) fis-soċjetà ELL Invest bil-valur ta' €2100 (€1 għal kull sehem) lil missieru Saviour k/a Salvu Ellul kif ukoll sabiex jittrasferixxi s-sehem wieħed (1) ordinarju fl-ELL Finance bil-valur ta' €1 (€1 għal kull sehem) lill-ELL Invest u jinħarġu u jiġu trasferiti 700 ishma ordinarji (A) ġodda fl-ELL Invest lil Saviour Ellul k/a Salvu Ellul bil-valur ta' €700 (€1 għal kull sehem.). Tordna wkoll illi dawn l-istess ishma jibqgħu jkunu affettwati bl-ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, iddatat 29 ta' Settembru, 2025.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fid-29 ta' Settembru, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-7 ta' Ottubru, 2025, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' GIOVANNI ELLUL.

Illum l-1 ta' April, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

ANDREINA FENECH FARRUGIA;

GIOVANNI ELLUL, director, 39 years, son of Salvu Ellul and Rita Ellul née Sammut, born in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd September, 1986, residing in 126, Casa Bella Vista, Triq Tax-Xerriek, Marsaxlokk, and holder of a Maltese identity card bearing number 452386M.

AND

MALTA FISH FARMING LIMITED;

The Court AUTHORIZED GIOVANNI ELLUL to transfer 2,100 ordinary (B) shares in the company ELL Invest, with a value of €2,100 (€1 per share), to his father Saviour, also known as Salvu Ellul. It also authorized him to transfer the one (1) ordinary share in ELL Finance, with a value of €1 (€1 per share), to ELL Invest, and for 700 new ordinary (A) shares in ELL Invest to be issued and transferred to Saviour Ellul, also known as Salvu, Ellul with a value of €700 (€1 per share). The Court also orders that these same shares shall remain subject to the freezing order issued by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry, dated 29th September 2025.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD), on the 29th September, 2025, which was published in the Government Gazette on the 7th October, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to GIOVANNI ELLUL.

Today 1st April, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

896

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2026, fuq talba ta' Aparthotels Limited ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 6th of March, 2026, following a request of Aparthotels Limited it was ordered, that deputy curators be chosen to represent the

intimat Angelo Chetcuti jew lis-suċċessuri tiegħu, fl-atti taċ-ċedola numru: 427/2026, fl-ismijiet Aparthotels Limited vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi u ħlas ta' arretrati ta' ċens ta' Aparthotels Limited (C4224) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Joseph Farrugia ai fini ta' artikolu 929(a), (b) u/jew (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Giuseppe Gatt ai fini ta' artikolu 929(a), (b) u/jew (c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Angelo Chetcuti ai fini ta' artikolu 929(a), (b) u/jew (ċ) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentata fl-24 ta' Frar, 2026, l-esponenti Aparthotels Limited (C4224) tesponi bir-rispett:

L-esponenti hija kumpanija inkorporata taħt il-Liġijiet ta' Malta nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), b'reġistrazzjoni numru C4224, u bl-uffiċju reġistrat illi jinsab Third Floor, Airways House, High Street, Tas-Sliema, Malta.

Permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja u 'Definitive Instrument of Amalgation' datati s-sbatax (17) ta' April tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990), Club Caterers (M) Limited, kumpanija inkorporata taħt il-Liġijiet ta' Malta nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986), b'reġistrazzjoni numru C8105, ingħaqdet mal-kumpanija esponenti Aparthotels Limited, kopja ta' estratt downloaded mir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta li tixhed dan qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A1'; u per konsegwenza Club Caterers (M) Limited ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett min-nhar id-disgħa u għoxrin (29) t' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990), kopja ta' estratt downloaded mir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta li tixhed dan qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A2'. B'riżultat ta' dan, l-attiv u l-passiv tas-soċjetà Club Caterers (M) Limited ġew vestiti u assunti mis-soċjetà esponenti.

Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Tonio Spiteri datat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987), il-kumpanija Club Caterers (M) Limited kienet akkwistat mingħand il-konjugi Kenneth u Bridget Reid:

'the unnumbered villa, known as 'Capradax', together with an adjoining garage, situated in Triq ir-Rizzi, Qawra, limits of Saint Paul's Bay, bordered on the north and east by the said road and on the south by property of Joseph Vassallo and others or their successors in title, as subject to their

respondent Angelo Chetcuti or his successors in title, in the records of the schedule of deposit number: 427/2026, in the names Aparthotels Limited vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption and payment of arrears of groundrent of Aparthotels Limited (C4224) vs Deputy Curators to represent the successors in title of Joseph Farrugia for the purpose of Article 929 (a), (b) and/or (c) of Cap. 12 of the Laws of Malta; and deputy curators to represent the successors in title of Giuseppe Gatt for the purpose of Article 929 (a), (b) and/or (c) of Cap. 12 of the Laws of Malta; and deputy curators to represent the successors in title of Angelo Chetcuti for the purposes of Article 929 (a), (b) and/or (c) of the Cap.12 of the Laws of Malta, filed on the 24th February, 2026, the applicant Aparthotels Limited (C4224) respectfully submitted:

The applicant is a company incorporated under the Laws of Malta on the twenty-fifth (25) of October of the year one thousand nine hundred and seventy-eight (1978), with registration number C 4224, and with registered office situated at Third Floor, Airways House, High Street, Tas-Sliema, Malta.

By means of an extraordinary resolution and 'Definitive Instrument of Amalgation' dated the seventeenth (17) of April of the year one thousand nine hundred and ninety (1990) Club Caterers (M) Limited, a company incorporated under the Laws of Malta on the twenty-first (21) of May of the year one thousand nine hundred and eighty-six (1986), with registration number C8105, this company merged into the applicant company Aparthotels Limited, a copy of an extract downloaded from the Malta Business Registry which testifies this is hereby attached and marked as 'Doc. A1'; and as a consequence Club Caterers (M) Limited was deleted from the Registry of companies, with effect from the twenty ninth (29) of August of the year one thousand nine hundred and ninety (1990), a copy of an extract downloaded from the Malta Business Registry testifying this is hereby attached and marked as 'Doc. A2'. As a result, the assets and liabilities of Club Caterers (M) Limited were vested and assumed by the applicant company.

By means of a deed in the records of Notary Dr Tonio Spiteri dated the twenty seventh (27) of October of the year one thousand nine hundred eighty seven (1987), the company Club Caterers (M) Limited had acquired from the spouses Kenneth and Bridget Reid:

'the unnumbered villa, known as 'Capradax', together with an adjoining garage, situated in Triq ir-Rizzi, Qawra, limits of Saint Paul's Bay, bordered on the north and east by the said road and on the South by property of Joseph Vassallo and others or their successors in title, as subject

share of annual and perpetual groundrent of sixty Maltese liri (Lm60)'

Kopja legali ta' dan il-kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B'.

Ai termini tal-Art. 1501 (7)(d) tal-Kap. 16, pjanta tal-proprjetà inkwistjoni mmarkata bil-kulur aħmar qed tiġi wkoll annessa u mmarkata bħala Dok. C'.

Daparti tagħhom is-sinjuri Reid kienu akkwistaw il-proprjetà inkwistjoni permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello du Puis datat nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (1968), u dan mingħand Joseph Vassallo, Louis Busuttil u George Muscat Fenech.

Kopja legali ta' dan il-kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D'.

'Il fuq imsemmija villa u garaxx ġew żviluppati fuq porzjon art li kienet tifforma parti minn porzjon art akbar magħrufa bħala 'Ta' Fettlu', liema proprjetà 'Ta' Fettlu' ngħatat lil Joseph Vassallo, Louis Busuttil, u George Muscat Fenech, b'titolu ta' emfitewsi perpetwa mingħand Joseph Farrugia, Giuseppe Gatt u Angelo Chetcuti permezz ta' kuntratt datat nhar it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sitta u sittin (1966) fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello Du Puis.

F'dan l-istess kuntratt, l-art 'Ta' Fettlu' ġiet ukoll suġġetta għal laudemium ekwivalenti għal ċens ta' sena għal kull bejgħ sussegwenti, prorata f'każ ta' trasferiment parzjali. Il-kuntratt stabbilixxa wkoll illi ċ-ċens relattiv għal tali art għandu jiġi mifdi bir-rata ta' erbgħa u nofs fil-mija (4 ½ %) basta però li l-fidi jsir b'rati li ma jeċċeddux il-ħamest elef lira (£5000) f'sena waħda.

Kopja legali ta' dan id-kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. E'.

L-esponenti ma kellhiex kuntatt mal-intimati u ma tafx jekk illum humiex neqsin u jekk huma neqsin, min jistgħu jkunu l-eredi tagħhom, liema eredi jistgħu jkunu wkoll assenti minn Malta.

Għalhekk, kontestwalment ma' din iċ-ċedola, qed jiġu ppreżentati r-rikorsi appożiti sabiex jinħatru l-kuraturi skont il-liġi.

Għaldaqstant, permezz ta' din iċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi l-esponenti tixtieq:

i. Fl-ewwel lok u sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà, tiddepożita s-somma ta' sitt mija u tmienja u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€698.80) rappreżentanti

to their share of annual and perpetual groundrent of sixty Maltese liri (Lm60)'

A legal copy of this deed is hereby attached and marked as 'Doc. B'.

In terms of Art. 1501 (7) (d) of Cap. 16, a plan of the property in question marked with the colour red is also being attached and marked as 'Doc.C'.

On their part the spouses Reid had acquired the property in question by means of a deed in the records of Notary Dr George Bonello du Puis dated the sixth (6) of September of the year one thousand nine hundred sixty eight (1968), and this from Joseph Vassallo, Louis Busuttil and George Muscat Fenech.

A legal copy of this contract is hereby attached and marked as 'Doc. D'.

The above villa and garage were developed on a portion of land which formed part of a larger portion of land known as 'Ta' Fettlu', which property 'Ta' Fettlu' was given to Joseph Vassallo, Louis Busuttil, and George Muscat Fenech, by title of perpetual emphyteusis from Joseph Farrugia, Giuseppe Gatt and Angelo Chetcuti by means of a deeddated the eighth (8) of March of the year one thousand nine hundred sixty six (1966) in the records of Notary Dr George Bonello du Puis.

In the same contract, the land 'Ta' Fettlu' was also subject to a laudemium equivalent to one year's ground rent for each subsequent sale, pro-rata in the event of a partial transfer. The deed also established that the groundrent relative to such land is to be redeemed at the rate of four and a half percent (4 ½%) provided however that the redemption is made at rates not exceeding five thousand liri (£5,000) in one year.

A legal copy of this contract is hereby attached and marked as 'Doc. E'.

The applicant had no contact with the respondents and does not know whether they are have died and if so, who may be their heirs, and which heirs may also be absent from Malta.

Thus, together with this schedule of deposit, the appropriate applications are being filed for the appointment of curators according to law.

Thus, by means of this schedule of deposit and concurrent redemption, the applicant wishes:

i. Firstly, in order to exonerate itself from any responsibility, deposit the sum of six hundred and ninety eight euro and eighty cents (€698.80) representing the annual groundrent of sixty

ċ-ċens annwali ta' sittin lira Maltin (Lm60), illum ekwivalenti għal mija, disgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76), għall-aħħar ħames snin; u

ii. Fit-tieni lok, tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha fl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi ċ-ċens fl-ammont ta' sittin lira Maltin, ekwivalenti għal mija u disgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76) li meta kapitalizzati bir-rata ta' 4.5% jekwivali għal tlett elef mija u ħames ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€3105.78), liema somma wkoll qed tiġi depożitata permezz ta' din iċ-ċedola.

Finalment, l-esponenti tixtieq ukoll tiddepożita l-laudemium u dan fl-ammont ta' mija u disgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76), ekwivalenti għal ċens ta' sena.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma ta' tlett elef disa' mija erbgħa u erbgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,944.34), liema somma tirrappreżenta t-total ta' (i) l-arretrati taċ-ċens tal-aħħar ħames snin (ii) kif ukoll fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu u (iii) l-laudemium ekwivalenti għal ċens ta' sena, u dan sabiex din is-somma tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skont il-liġi wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku (skont l-art. 1501(7)(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta)
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti fil-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi

Illum 6 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Maltese lira (Lm60), today equivalent to one hundred and thirty nine euro and seventy six cents (€139.76), representing the ground rent for the last five years; and

ii. Secondly to avail itself of the option given to it in Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the groundrent in the amount of sixty Maltese liri, equivalent to one hundred and thirty nine euro and seventy six cents (€139.76) which when capitalised at the rate of 4.5% equals to three thousand one hundred and five euro and seventy eight cents (€3,105.78) which sum is also being deposited by means of this schedule of deposit.

Finally, the applicant also wishes to deposit the laudemium in the amount of one hundred and thirty nine euro and seventy six cents (€139.76), equivalent to one year's groundrent.

Thus the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of three thousand nine hundred and forty four euro and thirty four cents (€3,944.34), which sum represents the sum of (i) the arrears of groundrent of the last five years (ii) as well as redemption of this annual and perpetual groundrent and (iii) the laudemium equivalent to one year groundrent, so that this sum is withdrawn by whoever has the right to it according to law, after leaving the due receipt according to law.

Notification: Director Public Registry (as per Art. 1501 (7) (f) of Cap. 16 of the Laws of Malta);
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th March, 2026

Registry of the Superior Courts, today 1st April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

897

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Marzu, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Grech vs Daniel Kevin Wood, Rikors numru 37/2026JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Daniel Kevin Wood a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Grech (KI 0779344M) vs Daniel Kevin Wood (KI 59263A) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-28 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti Joseph Grech (KI 0779344M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża b'dispensa mis-smigħ u dan ai termini tal-Artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara li l-intimat qed jokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu validu skont il-liġi;

3. Tordna lill-intimat jiżgombra mill-fond 63, Ta' Capa Court, Flt 4, Triq l-Imħar, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar;

4. Tordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' kera dovuta minn Ottubru 2025 sad-data ta' żgumbrament effetiv u dan bir-rata ta' €450 fix-xahar;

5. Tordna lill-intimat iħallas spejjeż relatati ma' konsum ta' dawl u ilma u dan sad-data ta' żgumbrament effettiv.

6. Tordna illi d-depożitu ta' €450 jinżammu mir-rikorrenti sabiex ikopru danni kkaġunati lir-rikorrenti mertu ta' dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: Jasmine, 150, Triq Brighella, Il-Ħamrun HMR 1132

Notifika intimat: 63, Ta' Capa Court, Flt 4, Triq l-Imħar, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Grech vs Daniel Kevin Wood, rikors numru 37/2026JG, jinsab differit għad-29 ta' April, 2026 fis-1.10 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 16th March, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Grech vs Daniel Kevin Wood, Application number 37/2026JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Daniel Kevin Wood in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Joseph Grech (ID 0779344M) vs Daniel Kevin Wood (ID 59263A), filed in the Rent Regulation Board, on the 28th January, 2026, the applicant Joseph Grech (ID 0779344M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Decide this cause without proceeding to trial and this in terms of Article 16A et sequitur of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent is occupying this premises without any valid title according to law;

3. Order the respondent to vacate the premises 63, Ta' Capa Court, Flt 4, Triq l-Imħar, Qawra, St Paul's Bay;

4. Order the respondent to pay the amount of rent due from October 2025 till the date of effective eviction and this at the rate of €450 per month;

5. Order the respondent to pay the costs related to the consumption of electricity and water and this till the date of effective eviction.

6. Order that the deposit of €450 be held by the applicants to cover damages caused to the applicants merit of these procedures.

With costs

Applicant, Jasmine, 150, Triq Brighella, Ħamrun HMR 1132

Notification responden: 63, Ta' Capa Court, Flt 4, Triq l-Imħar, Qawra, St Paul's Bay

The application in the names Joseph Grech vs Daniel Kevin Wood, Application number 37/2026JG, has been postponed for hearing to the 29th April, 2026, at 1.10 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603